**147. Il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali jipproponi:**

Illi il-Kamra tar-Rappreżentanti

Meta tikkonsidra li Malta ffirmat 1-Istatut ta' 1-International Renewable Energy Agency (IRENA) ġewwa Sharm-El-Sheik, fl-Eġittu fid-29 ta' Ġunju 2009, u li filwaqt li Malta hija konsumatur nett ta' teknoloġiji ii jużaw għejun ta' enerġija li jiġġeddu, u li minħabba restrizzjonijiet ġeografiċi, l-użu ta' dawn stess huwa limitat.

Meta tikkunsidra li bi sħubija fl-IRENA teżisti 1-possibilità li Malta taċċedi għal teknoloġiji ta' għejun ta' enerġija 1i jiġġeddu, u li tkun sħab fi proġetti ma' pajjiżi oħra membri, bil-possibiltà ukoll li Malta jkollha għajnuna sabiex tilħaq 1-oġġettivi Nazzjonali għar-rigward ta' għejun ta' enerġija li jiġġeddu.

Meta tikkonsidra li meta tirratifika dan 1-Istatut, Malta tissieħeb ma' dsatax (19)-il pajjiż iehor li digà rratifikaw dan 1-Istatut u għalhekk tkun iffurmat parti mill-komunita' internazzjonali ii ssieħbet f' din 1-Aġenzija.

Meta tikkonsidra 1-Artiklu 3 (2b) ta' 1-Att tar-Ratifikazzjoni tat-Trattati, Kapitlu 304 tad-9 ta' Marzu 1983.

Tirriżolvi li tawtorizza lill-Gvern Malti sabiex Malta tintrabat mal-Istatut ta' l-International Renewable Energy Agency (IRENA).

13.05.10

**Emenda mressqa mill-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali f'Seduta 252 - 07.07.10:**

Fit-tielet paragrafu tal-Mozzjoni Nru 147, minflok il-kliem "tissieħeb ma' dsatax (19)-il pajjiż ieħor" għandu jidħol il-kliem "llum tissieħeb ma' disa u għoxrin (29)-il pajjiż ieħor".